# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tas-seba' u għoxrin (27) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Ħamis 29 ta' Lulju, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skuzati:* Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa preċendenti tqassmu u inqraw mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati bi proponiment mis-Sindku u ssekondat mis-Sur Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

1. Xogħlijiet ta' infrastruttura – Is-Sindku beda biex qal li billi għad hemm problema serja minn naħa tal-WSC biex toħroġ l-LA , ikollna nieħdu l-alternativa biex nibdew ix-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni tat-toroq. Is-Sur Salerno qal li kellna laqgħa mal-kuntrattur u mal-perit tal-kunsill, u se naħdmu sussegwentament hekk: Għada filgħodu ser niffirmaw mal-WSC ftehim li jinkludi stejjeż ta' servizzi li mhux ser jidħlu għalihom huma pero jiġu trasferiti f'dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li hemm madwar €8000 xogħol

Triq Sant Anglu, Triq il-Fieres, Triq San Nikola, Triq San Pietru, Triq 29 ta' Mejju, Triq 9 ta' April, Triq Raffaele Caruana u Triq il-fdal Paleocristjani l-ewwel fazi li tibda minn l-1 ta' Settembru u tispiċċa fl-aħħar ta' Novembru.

Imbgħad Triq il- Madonna tad- dawl, Triq il-Gudja u Triq l-Imdina it-tieni fazi li tibda fl-1 ta' Jannar u tibqa sejra sa' l-aħħar ta' Frar.

Barra minn hekk is-Sindku qal li nhar it-Tlieta ser ikollna laqgħa ma' l-Onor Dr. Chris Said. L-Onorevoli qalilna biex nibdew bix-xogħol bħal ma għamlu l-Imqabba.

2. L-iskemi li ngħattajna l-flus – Rigwarad l-iskemi li ħadna is-Sindku qal li irridu nagħtu rendikont sa fejn wasalna li huma tan-niċeċ u statwi , il-belveder , familja hort u miżuri 323 u 313.

Rigward il-Miżuri 313 u 323is-Sindku qal li ir-restawr tal-katakombi u tal-mgħatla ninsgħu ninsuhom minħabba kwistjoni ta' budget u għalhekk nużaw il-fondi allokati 1.2M fuq Pjazza Żernieq.

3. Il-management letter tal- auditor – Is-Sindku qal li irċevejna id-draft tal-Management letter u tajjeb li l-Kunsilliera jistudjawha sew.

5. Progress fuq l-installazjoni tal-arlogg tad-dawl tal-latrina – Is-Sindku qal li l-installazjoni tal-metre tad-dawl tal-latrina għaddej fil-proċess ta' applikazzjoni.

6. Salerno tkellem u qal importanti li nkunu preparati għal festa u nagħmlu l-proċeduri kollha meħtieġa bħal permessi tal-kiosks etċ. Importanti li il-Kiosks ta' l-ikel intuhom permess fi Triq il-Lewżiet u tal-qubbajt fi Pjazza San Leonardo.

7. Progress fuq il-kunsill lokali l-gdid- Is-Sindku qal li dan ser iħalli f'idejn il-Viċi Sindku biex jitkellem fuqu.

8. Manteniment tal-indafa – Is-Sindku qal

9. Is-Sindku qal u ta direct instructions biex naraw il-cameras aktar spiss u naqbdu 'l min qed joħroġ l-ixkejjer ħdejn il-knisja u min qed jabbuża mis-separation bins ta' ħdejn il-bandli.

10. It-tendering tal-bandli. Il-Kunsill iddeċieda li l-adjudication tittieħed darb' oħra u nkellmu liż-żewġ offerenti vantaġġużi li kienu il-Hermes Enterprises u JGC.

11. Is-Sindku qal li rigward ix-xogħol tan-networking tal-Kunsill li ġiet aġġudikata lil Robert Bondin Carter ser ikollna żieda ta' points għalhekk l-ispiża tiġi prorata.

12. Is-Sindku tkellem rigward l-ESF programme u l-progress tiegħu u ħalla f'idejn is-Segretrju Ranier sabiex jispjega dan. Is-Segretarju qal li il-proġett miexi ġmielu s'issa kellna 74 parteċipant li lesta kors bażiku tal-kompjuter minn 6 lokalitajiet differenti (Ħal Kirkop, Żurrieq, Marsaskala, Birkirkara, San Ġwann u Naxxar). Bħalissa għaddejjin ukoll il-korsijiet ta' l-ECDL u s-City & Guilds u

f'Ottubru beħsiebna nibdew il-korsijiet tal-EM- Citizen. F' Jannar imbgħad ikollna il-korsijiet tal-ECDL Advanced u Sage biex imbgħad wara nerġgħu nifthu l-applikazzjonijiet u jidħlu numru ta' studenti oħra.

13. Is-sussidji għall-pannelli fotovoltajiċi – Is-Sindku qal li kellna diskussjonijiet ma' inġinier u bankier mil-BOV sabiex ngħinu lir-residenti japplikaw għall-iskema li ser toħroġ ta' sussidju ta' €3000 u l-laqgħa organizzata ma' bankier u tekniku.

14. Crafts on the move – sports bhal martial arts. Is-Sindku staaqsa fiex wasalna fuq il-lezzjonijiet tat-taekwandoo. Stephen qal li qiegħed jieħu ħsiebha huwa.

15. Is-Sindku ippropona li noħorġu depożitu tal-lift għaċ-centru tal-komunita basta li jkollna il-garanzija li l-lift ikun installat sa l-aħħar ta' Ottubru. Is-Sindku qal ukoll li dan il-lift ser ikun imħallas mil-Health department.

16. Kuntratt mal-faces fuq il-bus shelters. Is-Sindku qal li iffirmajna ftehim propju ftit tal-jien ilu sabiex nibdew il-proċess mil-bidu.

17. L-issue tal- hot patching fi Triq ir-ramlija. Is-Sindku qal li talab kwotazzjoni lil Asfaltar ta' patching bil-hot asphalt ta' Triq ir-Ramlija sabiex nibgħatuha lil Perit David Vassallo tat-Trasport Malta sabiex jibda il-proċess ta' talba li isir dan il-patching mit-TM bħala kumpens ta' l-inkonvenjent u tal-ħsara li għamlu l-vetturi fiż-żmien li tlestiet Triq Valletta , Żurrieq

18. Is-Sindku talab li l-aġenda tal-laqgħa tal-kunsill lokali tingħata ġimgħa minn qabel lil kappillan u titwaħħal fil-notice board.

19. Is-sehem tal-kunsill fir-reġjun tan-nofs in-nhar. Is-Sindku qal li ser iħajjar lir-reġġjun sabiex japplikaw għall-PVs huma wkoll.

20. Il-lag – il-progress fuq kif qed jimxi. Is-Sindku qal li issa il-GAL Xlokk issa akkwista propjeta ġewwa Ħal Qormi.

21. Euromed committee – Is-Sindku qal li l-progett li applikajna għalih ma giex milqugħ mill-EU meta kien preżentat minn Sardinja.

22. Il-progress tal-Litusgo- Is-Sindku qal li jinħtieġ jinstabu żewġ gradwati biex jitgħallmu fuq il-coastline management u marine management biex imbagħad jgħallmu lil leaders oħra ta' kunsilli lokali oħra.

23. Is-sitwazzjoni finanzjarja fil-prezent – Is Segretarju ippreżenta is-sitwazzjoni finanzjarja fil-preżent. Is-Segretarju qal li fil-preżent għandna is-somma ta' €127, 083 fil-kontijiet bankarji. Il-Kunsill qabel li il-fondi jintefgħu kollha fil-Bank of Valletta.

## 5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone

5.1.1. Il-Vici Sindku beda biex semma' li is-*sleeping police* ta ħdejh, qiegħda tkun ta nkonvenjent, minħabba li t-traffiku żdied u mhux qed jitħallew jorqdu kemm il-ġirien, kif ukoll il-familja tal-Viċi Sindku, peress li l-inġenji l-kbar, li jkollhom makkinarju fil-kaxxa, qed jgħaddu sparati u jagħmlu storbju nsapportabbli. Dan iseħħ l-aktar fis-siegħat bikrin ta l-għodwa.

5.1.2. Imbagħad is-Sur Carbone kompla billi staqsa dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-kappillan dwar id-dqiq, għagin eċċ li jitqassam mill EU. Il-laqgħa għadha mhix miftehma.

5.1.3. Il-Viċi sindku semma'  s-sodisfazzjon tan-nies, u r-rispons tajjeb li kien hemm dwar il-korsijiet li qed isiru f'diversi suġġetti. In-nies ikkonkorriet u dan jagħmlilna kuraġġ biex inkomplu nżidu, stqarr is-Sur Carbone.

5.1.4. Imbagħad is-sur Carbone semma' l-ilmenti li xi nies resqulu dwar jekk jinbeda x-xogħol fi pjazza Żernieq, fejn ser jinħaraq in-nar tal-art. Huwa qal li wieġibhom li l-kunsill jagħmel laqgħa mad-diriġenti tal-għaqdiet tal-festi u jsir ftehim magħhom.

Is-sur Carbone reġa' semma' l-problema tal-ilma li hemm fi Triq Paleokristjani u xtaq li qabel ma jsir it-tarmak ġdid, il-kunsill jiġi assigurat li il-problema tissolva.

5.1.5. Il-Vici Sindku semma' x-xogħol li għaddej b'ritmu mgħaġġel fil-binja tal-kunsill il-ġdid. Issuġġerixxa li tinħareġ it-tender jew jinġabru quatations għall- installazzjoni ta' alarms. Dan għaliex l-aħjar li l-installazzjoni tal-alarms l-aħjar li ssir qabel ma jitqiegħed is-suffet.

5.1.6. Fl-aħħar is-sur Carbone għamel suġġeriment dwar meta jsir qtugħ tal-ħaxix fit-toroq. Huwa semma' li kienu nqalgħu xi argumenti ma' xi ħadd li qal li l-ħaddiema tal-kuntrattur tajru xi ġebel u laqtu xi karozza. Issa s-suġġeriment sar hekk. Għandhom jiġu avżati bil-miktub ir-residenti tat-triq ta' fejn ikun sejjer jinqatgħa l-ħaxix, biex mit-tali ħin sat-tali ħin il-vetturi għandhom jitneħħew, meta jitlesta x-xogħol tal-qtugħ jerga' kollox għan-normal.

### 5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi

5.2.1. Is-Sur Mizzi qal li l-applikazzjoni ta' l-ATM approvawha issa li jmiss hu li jaraw il-post allokat u jinstallawha.

5.2.2. Is-Sur Stephen Mizzi qal li ix-xogħol fuq il-ground tal-futbol miexi sew u li sa l-aħħar ta' Settembru hu maħsub li jkun lest.

5.2.3. Stephen qal li l-korsijiet tal-crafts jidher li sejrin tajjeb ħafna ma' l-istudenti u għalhekk qiegħed jipproponi li jibqgħu sejrin anke fix-xitwa bl-istess mod billi ikunu self substained.

5.2.4. Is-Sur Mizzi qal li ix-xogħol fl-iskola primarja għaddej ġmielu u qal li għandu bżonn mil-Kunsill extension bil-wire. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu mislufa.

**6. Affarijiet oħra**

6.1. Il-Kunsill qabel li għall-premju anzjan/a tas-sena minn Ħal Kirkop ninnominw lil Mrs Mary Rose Mizzi unanimament.

6.2. Stagun ġdid tal-football - Stephen ippropona li nibqgħu nagħtu flus lil dawk it-tfal bi problemi soċjali. Is-Sindku qal li jekk ikollna sebat itfal tajjeb għaliex hija ħaġa soċjali. Social development. Għalhekk il-Kunsill qabel li nahdmhom case by case. Stephen qal ha jġib ukoll legal notice fejn tgħid li l-kunsill jista jgħin lil għaqdiet tal-football.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**8. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**